MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Numru 531/2004

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**
**vs**
**Omar Mallia**
**Brian Mallia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra:

**Omar Mallia** ta' 27 sena, bin Louis u Alfrida *nee'* Borg, imwieled Pieta' fid-9 ta' Dicembru, 1976, residenti 75, Triq San Kritoforu, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita numru 65377M;

**Brian Mallia** ta' 29 sena, bin Louis u Alfrida *nee'* Borg, imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju, 1974, residenti 2, Flat 3, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Isla, u detentur tal-karta tal-identita numru 321374M;

1. Talli fid-9 ta' Marzu, 2004, ghall-habta tat-8.30am waqt li intom kontu qed tigu skortati fil-vann tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ingurjajtu jew heddidtu jew ghamiltu offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Mario Tonna, persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi monn Servizz Pubbliku, waqt li jku jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tezzghu jew li tinfluwixxu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess data. lok, hin u cirkostanzi heddidtu bil-fomm lil haddiehoer b'xi delitt u dan bi kjsur tal-artikolu 249 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli fl-istess data. lok u hinbil-hsieb li ttlefu jew tnaqqsu l-gieh t' xi hadd u cioe tal-Ispettur Mario Tonna weggajtu bil-kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputati tressqu quddiem dina l-Qorti wara li allegatament kienu instemghu jghaddu rimarki u theddid fil-konfront tal-Ispettur Mario Tonna meta kienu eskortati mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin lejn id-DETOX fil-Pieta'. L-

allegazzjoni fil-konfront tal-imputati hi li huma nstemghu jghidu li kienu ser ipattuha lill-Ispettur talli arresthom ta' xejn u f'hin minnhom qalu li l-pipe tal-hydraulic huwa irqiq u malajr jinqata' bhal ma inqata' ta' haddiehor.

Illi l-imputati innegaw din l-allegazzjoni u qalu illi huma kliem ta' tifhir biss ghandhom ghall-Ispettur Mario Tonna ghaliex kien ghen lill-Omar jibda programm ta' riabilitazzjoni. Brian Mallia qal li minkejja li kellu ragunijiet biex ipattiha lil huh Omar, ma setax jghid li hu qal dak id-diskors ghax ma kienx minnu. Din hija d-dikjarazzjoni tal-imputat a tempo vergine fl-istqarrija li taw meta mitkellma mill-Ispettur Carlo Ellul kif ukoll fid-deposizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti.

Illi minn tlett ufficjali tal-Pulizija fil-van ta' skorta kien biss PC 463 Jonathan Farrugia li xehed b'mod dettaljat dwar l-allegat theddid tal-imputati. Iz-zewg ufficjali l-ohra ma kienux daqshekk elaborati fil-versjoni taghhom.

Illi mix-xhieda li semghet dina l-Qorti hemm dubju dwar jekk id-diskors tal-imputati effetivament sarx minnhom bil-mod kif mifhum mill-ufficjali tal-iskorta u inoltre, tqajjem ukoll dubju dwar l-identita' ta' wiehed minnhom peress illi hu l-imputati, ukoll detenut Kordin, seta ssemma fl-isfond ta' dan kollu bil-laqam tieghu. Dan bl-ebda mod ma ghandu jirrifletti fuq il-kredibilta' tal-ufficjali tal-iskorta izda din il-Qorti ma tistax tasal ghal-certezza li kienu dawn iz-zewg imputati li qalu dak id-diskors jekk intqal bit-ton li fehmu x-xhieda.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------